**15 ta' Jannar, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Joseph Zammit

*versus*

Emmanuele Buttigieg

**Lokazzjoni — Rigal — Rifużjoni — Dar — Kompensazzjoni — Art. 7(1) tal-Ordinanza XVI tal-1944.**

*Skond il-liġi, hu projbit li tintalab jew tiġi mlqugħa, bħala kondizzjoni tal-kirja ta' dar, somma ta' flus bħala rigal jew somma oħra simili, jew l-għoti ta' xi ħaġa oħra minbarra l-kera; u min ikun iħallas jew ta l-ħaġa, għandu dritt jeħodha lura. U "dar" tfisser, salvi r-riżervi li tagħmel l-istess liġi, bini mikri, anki in parti, għall-abitazzjoni.*

*Jekk l-inkwilin, biex jieħu l-kirja, iħallas, minbarra l-kera, somma ta' flus bħala rigal lil terza persuna, biex din tgħaddiha lill-lokatur, u dik it-terza persuna, minflok li tgħaddiha lill-lokatur, tikkompensaha ma' flus li hija kellha tieħu minn għand l-lokatur, dik il-kompensazzjoni tammonta għal riċeviment tal-flus kompensati bħala rigal, u l-lokatur hu obligat jirrifondi lill-inkwilin dawk il-flus.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li biha, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, u premess illi l-attur ħallas is-somma ta' £16 lil Carmela Zammit fl-interess tal-konvenut u sabiex huwa jikrilu l-fond numru 64 St. Francis Street, Ħamrun; u premess illi, skond l-Ordinanza XVI tas-sena 1944, l-attur għandu d-dritt li jieħu lura minn għand il-konvenut din is-somma ta' £16; talab li l-konvenut jiġi minn din il-Qorti kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £16 lilu dovuta għar-raġunijiet fuq premessi; bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li huwa mħarrek għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Carmela Zammit, omm l-attur, kienet is-sensala biex il-konvenut xtara fond il-Ħamrun, li mar jokkupa, u kellha tieħu minn għandu għas-senserija £16. Hija talbitu biex jikri d-dar fejn kien joqgħod qabel, dik numru 64 St. Francis Street, Ħamrun, imsemmija fiċ-ċitazzjoni, lill-attur biex jabita fiha. Il-konvenut aċċetta, però spiċċa biex, b'arranġament permezz ta' martu, li, kif hu stess xehed (fol. 24 u 42), kienet tgħidlu b'kollox u hu japprova, minbarra l-kera, talab rigal ta' £16. Zammit qalet lill-mara tal-attur "issa s-£16 iħallashom it-tifel", ċjoè l-attur. L-attur ħallas lil Zammit is-£16, u hija, f'lok għaddiethom lill-konvenut, żammithom bi ħlas tas-somma ekwivalenti li kellu jagħtiha l-konvenut għas-senserija; u l-konvenut kera d-dar lill-attur;

L-operazzjoni kollha saret bil-konnivenza u bl-approvazzjoni tal-konvenut; tant illi, barra mis-£16, l-attur kellu, flimkien ma' missieru, jagħmel xi xogħolijiet b'xejn fil-

fond li akkwista l-konvenut, fosthom il-bini ta' kamra bil-konkrit;

Ikkunsidrat;

Skond l-art. 7(1) tal-Ordinanza Nru. XVI tal-1944, hu projbit li tintalab jew tiġi milqugħa, bħala kondizzjoni tal-kiri ta' dar, il-ħlas ta' xi riġal jew somma oħra simili, jew l-għoti ta' xi ħaġa oħra minbarra l-kera; u min ikun ħallas jew ta l-ħaġa, għandu d-dritt jeħodha lura. "Dar", skond l-art. 2 tal-Ordinanza, tfisser, salva r-riżerva, bini mikri, anki in parti, għall-abitazzjoni;

L-attur ħallas lil Zammit fl-interess tal-konvenut, u meta l-konvenut patta ma' Zammit is-£16, hu ġuridikament ġie tħallas flus, minbarra l-kera, biex jikri lill-konvenut id-dar għall-abitazzjoni, u dan kontra l-liġi;

Hekk, l-attur għandu d-dritt jieħu lura minn għand il-konvenut is-£16;

Għalhekk;

Tilqa' t-talba tal-attur; bl-ispejjeż.